MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 857/2007/1

**Anthony Hammett**

**vs**

**Vincent Vella**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, tlett mija u tletin lira Maltin (Lm1,330) li huma ekwivalenti ghal tlett elef u tmienja u disghin Euro u seba' centezmi (€3,098.07) u dan billi fis-sena 2000 il-konvenut kien ghamel xoghol fuq il-*boat* ta' l-attur bl-isem

“Sea Sport”. Fost ix-xoghol li sar kien hemm xiri u twahhil ta’ *gearbox*.

Illi l-konvenut, ghas-servizz professjonali tieghu u spejjez, kien talab lill-attur is-somma ta’ sitt elef, tmien mija u zewg Euros u sebgha u erbghin centezmu (€6,802.47) - (Lm2,920.30c) liema somma l-attur hallas lill-konvenut fl-14 ta’ Jannar, 2000.

Illi l-konvenut recentement permezz ta’ ittra ufficjali talab lill-attur hlas ta’ tlett elef, seba’ mija u tlett Euros u sebghin centezmu (€3,703.70) - (Lm1,590) ghall-istess xoghol fuq imsemmi.

Illi ghaldaqstant jirrizulta illi l-attur kien hallas lill-konvenut aktar minn dak verament dovut lill-konvenut u l-attur qed jitlob ir-rimbors tal-hlas fl-ammont ta’ tlett elef u tmienja u disghin Euro u seba’ centezmi (€3,098.07) - (Lm1,330).

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-ammont mitlub qed jigi kkontestat in vista tal-fatt illi l-attur huwa zbaljat fir-ragunament tieghu u dan peress illi meta l-konvenut talab il-hlas ta’ tlett elef, seba’ mija u tlett Euros u sebghin centezmu (€3,703.70) - (Lm1,590) permezz ta’ ittra ufficjali, dan kien jirrapprezenta dak li min ghalih kien ghadu dovut lilu mill-attur wara li kien gja’ rcieva depozitu akkont ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) - (Lm1,000). In segwitu ma baqax jinsisti ghal dan il-bilanc ta’ tlett elef, seba’ mija u tlett Euros u sebghin centezmu (€3,703.70) - (Lm1,590) peress illi rrealizza illi kienu gja’ mhallsa. Di fatti l-konvenut kien intitolat ghall-hlas ta’ xoghol u parts fis-somma ta’ madwar sitt elef, hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,522.25) - (Lm2,800) u konsegwentement ghalhekk mhux minnu li l-konvenut hallas izzejjed.

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Hammet u ta' Vincent Vella.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Carmel Chircop ghall-attur u ta' Dr Anthony Cutajar ghall-konvenut.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-bidu tas-sena 2000 il-konvenut ghamel xoghol ta' mekkanik fuq il-*boat* ta' l-attur li jisimha "Sea Sport" tal-marka Carver. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fis-sostituzzjoni tal-*gearbox* u dan billi l-konvenut kellu jixtri *gearbox* gdid u jerga' jinstallah u xoghol iehor ta' manutenzjoni fuq l-istess *boat*. Ix-xoghol sar u dak iz-zmien il-konvenut hareg invoice li ggib id-data tat-12 ta' Jannar, 2000 numru 368 fl-ammont ta' sitt elef, tmien mija u zewg Euros u sebgha u erbghin centezmu (€6,802.47) - (Lm2,920.30c).

Permezz ta' ittra ta' l-avukat tieghu tas-26 ta' Gunju, 2007 il-konvenut kiteb lill-attur fejn talbu hlas ta' "is-somma komplessiva ta' elf, hames mija u disghin lira Maltin (Lm1,590) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus li ghadha dovuta minnek ghall-prezz ta' *gearbox* u xoghol relatat".

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi Anthony Hammet m'ghamilx reazzjoni ghal din l-ittra u ghalhekk saret ittra ufficjali ezekuttiva a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 fid-29 t'Awissu 2007 fejn giet replikata l-imsemmija talba. Meta Anthony Hammet ircieva din l-ittra huwa nterpreta din l-ittra bhala sitwazzjoni li ghalih kienet tfisser illi meta originarjament kien gie pprezentat l-invoice ta' sitt elef, tmien mija u zewg Euros u sebgha u erbghin centezmu (€6,802.47) - (Lm2,920.30c), dan kien esagerat u li permezz ta' l-imsemmija ittra u ittra

ufficjali l-konvenut Vella kixef idejh li fil-fatt il-kont kellu jkun ta' tlett elef, seba' mija u tlett Euros u sebghin centezmu (€3,703.70) - (Lm1,590) u ghalhekk Anthony Hammet qed jitlob rifuzjoni tad-differenza billi jirrizulta mill-provi illi fl-14 ta' Jannar, 2000 il-kont ta' sitt elef, tmien mija u zewg Euros u sebgha u erbghin centezmu (€6,802.47) - (Lm2,920.30c) gie mhallas.

Stabbilit il-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-verita' kienet illi l-kont veru u attwali kien ta' sitt elef, tmien mija u zewg Euros u sebgha u erbghin centezmu (€6,802.47) - (Lm2,920.30c). Meta nkitbu l-imsemmija zewg ittri, li ma nnotax l-attur kien illi l-konvenut kien qed jitlob "bilanc" u ma kienx qed jitlob il-prezz shih. Inoltre, l-konvenut xehed, u dwar dan it-Tribunal jemmen li din kienet il-verita', illi meta sar il-ftehim bejn il-partijiet dak iz-zmien l-attur kien tah pagament akkont u go mohhu l-konvenut dahhalha illi l-bilanc ma kienx imhallas. Dak iz-zmien il-konvenut kellu mard serju fil-familja u dan jista' jaghti lok ghall-fatt li nesa li l-bilanc kien attwalment thallas.

Di fatti l-konvenut xehed li meta ntbaghtet l-imsemmija ittra ufficjali Anthony Hammet kien cempillu u nfurmah li l-kont kien attwalment imhallas. Il-konvenut mar id-dar ta' Anthony Hammet. Anthony Hammet urih l-ircevuta relattiva u dak il-hin stess il-konvenut skuza ruhu u nforma lil Anthony Hammet li dawk l-ittri kienu ntbaghtu bi zball. Cio nonostante, Anthony Hammet baqa' ghaddej u pprezenta l-kawza odjerna izda t-Tribunal huwa sodisfatt illi attwalment ma kienx kaz ta' arrikkiment indebitu da parti tal-konvenut izda kien kaz ta' zball genwin li ghalih il-konvenut skuza ruhu minnufih.

Illi ghalhekk it-talba kif dedotta ma tirrizultax u ghandha tigi michuda. Galadarba l-konvenut kie gja' gie avzat b'din is-sitwazzjoni, t-Tribunal jidhirlu

> illi ghandu jbati wkoll l-ispejjez relattivi ta' din il-kawza.
>
> Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

L-appell ta' l-attur b'talba ghar-revoka tas-sentenza tat-Tribunal hu bazat fuq dawn l-ilmenti:-

(1) L-ezistenza ta' konflittwalita` dwar il-kundanna tal-kap ta' l-ispejjez;
(2) Ma kien hemm ebda zball genwin da parti tal-konvenut relattivament ghall-pretensjoni tieghu;
(3) Il-konvenut qatt ma skuza ruhu preordinatament ghall-intavolar minnu tal-prezenti istanza;
(4) Fuq il-verifika kondotta minnu huwa intebah illi l-konvenut ma kienx jimmeritah l-ammont shih li hu kien hallsu seba' snin qabel ghar-rimpjazzar tal-*gearbox* u xoghol relatat;
(5) L-ahhar fattura emessa mill-konvenut ghall-ammont ta' elf hames mija u disghin lira (Lm1590) kienet tkopri dak kollu elenkat fil-fattura originali mahruga minn qabel, u allura mhux korrett li jinghad li l-konvenut kien qed jitlob biss bilanc dovut;

Ghalkemm minn dak espost l-aggravji jidhru diversi, fil-kumpless dawn jistghu jitqiesu bhala aggravju wiehed ta' kontestazzjoni tal-gudizzju mit-Tribunal tal-materjal probatorju. Gudizzju dan li, sintetikament riprodott, jirpoza ruhu fuq is-segwenti elementi ta' fatti processwalment akkwiziti:-

(1) Il-hlas pretiz mill-konvenut bl-ittra legali tieghu tas-26 ta' Gunju, 2007 u dik ufficcjali tad-29 ta' Awissu, 2007 kien wiehed limitativ ghall-"bilanc" ta' prezz ta' *gearbox* u *mano d'opera* li hu kien ippresta fis-sena 2000 fuq il-*boat* ta' l-attur;

(2) L-attur interpreta din l-ahhar missiva ufficcjali domandanti l-pagament ta' elf hames mija u disghin lira

(Lm1590) illi, allura, il-konvenut kien zammlu izzejjed fuq il-fattura orginarja ta' elfejn disa' mija u ghoxrin lira u tletin centezmu (Lm2920.30) ghall-prezz u x-xoghol kif fuq inghad;

(3) Il-versjoni tal-konvenut kienet wahda attendibbli u meritevoli li tigi emnuta;

(4) Isegwi li ma kien jezisti ebda kaz ta' arrikkiment indebitu da parti tal-konvenut;

Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun illi, kif gja ghamlet f'bosta decizjonijiet taghha, tirriafferma illi l-valutazzjoni tar-rizultanzi tal-provi orali, u li fil-kaz prezenti kienu jikkonsistu esklusivament mix-xhieda ta' l-attur u dik tal-konvenut, u, l-aktar, il-gudizzju fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` taghhom, huma materji rizervati lid-diskrezzjoni tat-tribunal fil-mertu li, skond gurisprudenza pacifika, qorti tat-tieni istanza ma tindahalx u ma tiddisturbax hlief f'kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi. Ara **Vol. XXIV P I p 104**, **Vol. XXXII P I p 17** u **Vol. XXXVII P I p 56**, fost hafna ohrajn. Jispjega l-**Franzoni** ("**Le obbligazioni**", Ed. Utet, 2004, pagna 518) illi "*la discrezionalita`, infatti, riguarda il modo in cui il giudice assolve alla sua funzione e si risolve principalmente nella liberta di valutazione delle prove u nella formazione del convincimento nel decidere la controversia*". Tali valutazzjoni hi incensurabbli f'sede ta' appell, ammenokke ma jkunx jirrizulta konvincevolment "illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghal konkluzjoni li ghaliha jkun wasal l-ewwel tribunal". Ara "**Emily Stivala *et* -vs- George Pace**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000;

Fuq l-istharrig minnha tal-provi in atti dan ma huwiex il-kaz hawnhekk u din il-Qorti ma ssibx raguni biex ticcensura l-apprezzament logiku-guridiku tat-Tribunal adit. Fil-fehma taghha, it-Tribunal sewwa rraguna illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni li kellu quddiemu kienet tiddependi primarjament fuq jekk l-ispjegazzjoni supplita mill-konvenut kienetx verosimili u meritevoli li tigi akkolta. It-Tribunal din l-

ispjegazzjoni accettaha u ghadda biex, gustament, ikkonvinca ruhu li dawk l-ittri rikjedenti l-hlas tal-bilanc intbaghtu mill-konvenut bi zball. L-appellanti jikkontesta dan ghax jikkontendi li hu ghamel il-verifiki u sab li ghax-xoghol li sar mill-konvenut u ghal *gearbox* rimpjazzata, il-konvenut kien addebitah b'somma ferm superjuri ghal dik misthoqqa. Intant, huwa baqa' ma pproduciex b'korroborazzjoni, il-mekkanik il-gdid tieghu inkarigat minnu biex jaghmillu r-ricerki dwar il-prezz ta' *gearbox* gdid. Ara deposizzjoni ta' l-attur a fol. 10. Lanqas, del resto, ma esebixxa l-ahhar fattura (Lm1590) ghal skop ta' komparizzjoni ma' dik l-ohra originarja (Lm2920.30), u, allura, ukoll ghas-sostenn ta' l-ahhar ilment tieghu aktar 'il fuq espost. Jista' jizdied, imbaghad, illi t-tielet ilment hu ghal kollox fieragh ghax, kif ammess mill-istess appellanti fix-xhieda tieghu, il-konvenut kien skuza ruhu mieghu wara l-laqgha fid-dar tieghu, sussegwenti ghall-ewwel missiva, fl-okkazjoni li wrih ir-ricevuta ta' kwittanza tal-hlas intier;

Riferibilment ghall-ewwel ilment huwa evidenti li si tratta ta' *lapsus calami* in kwantu fil-parti razzjonali tas-sentenza immedjatament qabel id-decide l-abbinament ta' l-ispejjez tal-kawza kellu jkun ma' l-attur ghax kien dan li kien gie avzat bis-sitwazzjoni, anke riferibilment ghal fatt li si trattava ta' zball genwin kif ukoll li l-konvenut kien talbu skuza. Din il-fehma hi, imbaghad, imsahha mill-parti decizorja tas-sentenza li akkollat l-ispejjez kontra l-attur;

B'adezjoni mal-fehma tat-Tribunal din il-Qorti tikkonkorda illi ma kien jezisti ebda kaz ta' arrikkiment indebitu da parti tal-konvenut. Biex dan seta' jkun hekk il-kaz, ried jigi stabbilit u accertat illi kienet tezisti mankanza ta' kawza gustifikativa. Hu, infatti, fl-espressjoni "minghajr kawza gusta" fit-termini ta' l-Artikolu 1028A Kodici Civili li jrid jigi investigat il-fondament tal-principju. Din l-assenza ta' kawza gusta f'dan il-kaz ma gietx sodisfacentement ipprovata u, la dan huwa hekk, ma kien hemm ebda obbligu ta' restituzzjoni fil-konvenut appellat tas-somma pretiza mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------